32006D0979

21.12.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 365/87

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPM/1/2006**

**tal-5 ta' Diċembru 2006**

**li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH)**

(2006/979/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/824/PESK ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH) ([1]), u, b'mod partikolari, l-Artikolu 9 (1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2005 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni EUPM/2/2005 li tappunta l-Brigadier Ġenerali Vincenzo Coppola bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina ([2]),

(3) Din id-Deċiżjoni tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2006.

(4) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tal-Brigadier Ġenererali Vincenzo Coppola bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina għat-tul tal-missjoni.

(5) Għaldaqstant il-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina għandu jkun estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-mandat tal-Brigadier Ġenerali Vincenzo Coppola bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH) huwa hawn estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
T. TANNER

([1]) ĠU L 307, 25.11.2005, p. 55.
([2]) ĠU L 335, 21.12.2005, p. 58.